

RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1893 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2023****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) għas-sena finanzjarja 2021**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2021,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0117/2023),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2021 kien ta' EUR 24 219 500; billi l-baġit tal-Awtorità huwa derivat mill-baġit tal-Unjoni; billi EUR 1 838 391 ġew implimentati fil-qafas tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni u EUR 22 381 110 ġew ġestiti direttament mill-Awtorità wara l-awtonomija finanzjarja tagħha;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti"), iddikjarat li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-Awtorità bdiet l-operazzjonijiet fis-17 ta' Ottubru 2019 u kisbet awtonomija finanzjarja fis-26 ta' Mejju 2021, u li wara l-finalizzazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali mar-Repubblika Slovakkja, bdiet l-attivitatijiet tagħha fl-uffiċċji tagħha fi Bratislava f'Settembru 2021; jilqa' l-bidu tal-operazzjonijiet u jenfasizza li din hija l-ewwel proċedura ta' kwittanza;
2. Jinnota li l-isforzi għall-monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2021 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' impenn tas-sena attwali ta' 95,80 % u li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 30,38 %;
3. Jissottolinja l-fatt li l-ħidma tal-Awtorità kienet fil-fażi tal-bidu tat-tiswir tagħha; huwa konxju li huma meħtieġa iktar żvilupp u integrazzjoni tal-proċessi interni fil-perjodu li ġej sakemm issir kompletament operattiv fl-2024;
4. Ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Awtorità; jinsisti bil-qawwa fuq ir-rekwiżit ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll effettivi biex jiġu evitati każijiet potenzjali ta' kunflitt ta' interess, kontrolli *ex ante* jew *ex post* neqsin, ġestjoni inadegwata tal-impenji baġitarji u legali, u nuqqasijiet ta' rappurtar ta' kwistjonijiet fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

Prestazzjoni

5. Jinnota li l-proġett iddedikat għall-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni strutturata li se tappoġġja l-iżvilupp ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin koerenti, li inizjalment kien ippjanat għall-2021, sofra minn dewmien u bħalissa qiegħed jiġi implimentat; jistieden lill-Awtorità tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza;

(¹) ĠU C 114, 31.3.2021, p. 232.

6. Jissottolinja l-kisbiet tal-Awtorità rigward l-ewwel inizjattiva speċifika għas-settur iffukata fuq id-drittijiet tal-ħaddiema mobbli u l-impjegaturi tagħhom fil-qasam tax-xogħol staġonali, il-pjan ta' azzjoni tagħha u l-kampanja relatata, implimentati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħrajn, u li jiġbru flimkien l-kompiti operattivi kollha tal-Awtorità;
7. Jinnota b'apprezzament li, fl-2021, l-Awtorità appoġġjat l-ewwel għaxar spezzjonijiet miftiehma u konġunti, bil-parteċipazzjoni ta' 11-il Stat Membru; jinnota, barra minn hekk, li l-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat ġiet integrata mingħajr xkiel fl-Awtorità fl-2021, u li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, l-Awtorità ħadet f'idejha xi responsabbiltajiet speċifiċi tan-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-governanza tan-network tal-EURES u l-attivitajiet ta' taħriġ u komunikazzjoni, u s-sjieda tal-portal tal-EURES;
8. Jinnota b'apprezzament li l-Awtorità ffinalizzat il-qafas meħtieġ għat-tnedija tal-kompitu ta' medjazzjoni tagħha fil-bidu tal-2022, u li f'Diċembru tal-2021, il-bord tat-tmexxija tal-Awtorità adotta r-regoli tal-proċedura ta' medjazzjoni u nieda sejħa biex jiġu żgurati nominazzjonijiet għad-diversi funzjonijiet ta' medjazzjoni;
9. Jinnota b'apprezzament li l-Awtorità approfondiet il-kooperazzjoni tagħha ma' korpi u organizzazzjonijiet oħra tal-Unjoni; jilqa' l-ewwel ftehimiet man-network SOLVIT u l-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali li tlestew fl-2021; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità bdiet in-negozjati ta' arranġamenti oħra ta' kooperazzjoni, inkluż mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA); jinnota, apparti dan, li f'Settembru 2021, l-Awtorità u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) appoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema fix-xogħol staġonali; iħeġġeġ lill-Awtorità tesplora aktar il-possibiltajiet biex testendi l-arranġamenti ta' ħidma tagħha u l-kondiviżjoni tar-riżorsi ta' kompiti li jikkoinċidu ma' korpi oħra tal-Unjoni;
10. Jinnota li l-attivitajiet kollha ppjanati fil-programm ta' ħidma tal-2021 ġew implimentati ħlief l-iskambji tal-persunal u l-proġetti ta' assistenza reċiproka fl-ambitu tal-Pjattaforma Ewropea dwar l-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat; jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' applikazzjonijiet għal dawn l-attivitajiet xprunati mid-domanda jista' jiġi attribwit għall-pandemija tal-COVID-19; jinnota li l-bord tat-tmexxija jqis li r-riżultati miksuba mill-Awtorità fit-tieni sena ta' attività tagħha qed jistabbilixxu l-pedamenti għall-bini ta' Awtorità kompletament operattiva u diġitalizzata qabel l-2024;

Politika dwar il-persunal

11. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, fil-31 ta' Diċembru 2021, it-tabella tal-persunal kienet implimentata fil-livell ta' 84,21 %, bi 32 aġent temporanju maħtura mit-38 aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni; jinnota li, barra minn hekk, fl-2021, kienu qed jaħdmu għall-Awtorità 11-il aġent kuntrattwali u 41 espert nazzjonali sekondati (inkluż 27 uffiċjal ta' kollegament nazzjonali); jinnota li l-Awtorità kisbet tkabbir sinifikanti fil-forza tax-xogħol tagħha wara sforzi intensivi ta' rekrutazzjoni fl-2021, f'konformità ma' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Awtorità;
12. Jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-fatt li l-Awtorità għandha l-ogħla proporzjon ta' pożizzjonijiet ta' esperti nazzjonali sekondati (60 minn 144 membru tal-persunal, fit-tabella tal-persunal 2023) meta mqabbla mal-aġenziji deċentralizzati kollha tal-Unjoni; jitlob biex 15-il pożizzjoni ta' esperti nazzjonali sekondati jinbidlu f'pożizzjonijiet ta' aġenti temporanji li jippermettu lill-Awtorità tagħmel użu minn persunal xieraq għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-missjoni tagħha;
13. Jinnota n-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment superjuri tal-Awtorità, fejn 4 minn 6 (67 %) huma rġiel; jinnota n-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fil-bord tat-tmexxija tal-Awtorità, fejn 20 minn 33 (61 %) huma rġiel; jinnota wkoll in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal ġenerali tal-Awtorità, fejn 23 minn 43 (53 %) huma nisa; jinnota r-rappreżentazzjoni tal-ġeneri fost l-esperti nazzjonali sekondati (inklużi l-uffiċjali ta' kollegament nazzjonali)

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

ta' 49 % nisa u 51 % rġiel; jinnota wkoll li, fi tmiem l-2021, l-Awtorità kellha 14-il nazzjonalità abbażi tal-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal tagħha (persunal statutorju) u li pprevediet li, fl-2022, iżżid aktar in-nazzjonalitajiet rappreżentati għal 18; iħeġġeġ lill-Awtorità tqis bl-akbar prijorità l-bilanċ ġeografiku fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha u tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri tal-persunal u jistieden lill-Awtorità tqis dan l-aspett fir-rigward ta' ħatriet futuri fi hdn il-maniġment superjuri tagħha; jistieden ukoll lill-Istati Membri jqisu dan meta jinnominaw il-membri tal-bord tat-tmexxija jew l-esperti nazzjonali sekondati;

14. Jinnota li l-Awtorità adottat l-ewwel struttura organizzattiva tagħha fl-2021, fasslet l-organizzazzjoni u komplet tadotta u tiżviluppa regoli u proċeduri interni, u li, flimkien mal-persunal kollu tagħha, ħolqot id-dikjarazzjoni tal-missjoni u tal-valuri tagħha li tirrappreżenta d-diversità u l-kultura tal-impjegati kollha; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità qed taħdem biex tkun kompletament operattiva fl-2024;
15. Jinnota li, f'Marzu 2022, l-Awtorità adottat il-politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u sesswali u mbagħad wara bdiet torganizza sessjonijiet ta' ħidma obbligatorji kontra l-fastidju għall-persunal kollu, inkluż il-kuntratturi esterni, kif ukoll sessjonijiet apposta għall-manigġers; jinnota, barra minn hekk, li f'Ġunju 2022, l-Awtorità nediet sejħa għal espressjonijiet ta' interess ta' konsulenti kunfidenzjali; jistieden lill-Awtorità tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza;
16. Ifakkar fl-importanza li tiġi żviluppata politika tar-riżorsi umani fit-tul dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-għoti ta' possibbiltajiet ta' taħriġ speċifiku għall-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-persunal, it-telexogħol, id-dritt għall-iskonnessjoni, it-titjib ta' bilanċ ġeografiku biex tiġi żgurata rappreżentanza xierqa mill-Istati Membri kollha, u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità kif ukoll li jkun żgurat li jiġu ttrattati b'mod ugwali u li l-opportunitajiet tagħhom jkunu promossi b'mod wiesa';

Akkwist

17. Jinnota li fl-2021 l-Awtorità għamlet l-aqwa użu possibbli mill-kuntratti qafas interistituzzjonali eżistenti għall-attivitajiet amministrattivi u operattivi tagħha, filwaqt li nediet sejħiet għall-offerti (negozjati, miftuħin) fejn meħtieġ; jinnota wkoll, li l-Awtorità b'kollox ikkonkludiet 106 proċeduri ta' akkwist u ffirmat sitt fehimiet dwar il-livell ta' servizz;
18. Jinnota li fl-2021, l-Awtorità integrat il-Moduli ta' akkwist elettroniku ABAC Assets, sejħa għall-offerti elettronika, sottomissjoni elettronika ta' offerti u Għodda għall-Ġestjoni tal-Akkwist Pubbliku (PPMT); jinnota li fl-2022, l-Awtorità bdiet tuża l-PPMT;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

19. Jinnota li l-Awtorità tinsab fil-proċess li tiżviluppa politika komprensiva dwar il-kunflitti ta' interess u li r-regoli ta' proċedura tal-korpi tal-Awtorità (bord tat-tmexxija, il-grupp ta' partijiet ikkonċernati, il-gruppi ta' hdn tal-Awtorità) fihom dispożizzjonijiet relatati mal-kunflitti ta' interess; jinnota, barra minn hekk, li dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess għall-membri tal-bord tat-tmexxija huma fis-seħħ u pubbliċi;
20. Jinnota li l-Awtorità tippubblika s-CV tad-Direttur Eżekuttiv tagħha u qiegħda taħdem fuq il-pubblikazzjoni ta' CVs rilevanti oħrajn fl-2023; jistieden lill-Awtorità tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza;
21. Jinnota li fl-2021, l-Awtorità kellha laqgħat ma' partijiet ikkonċernati esterni bħal rappreżentanti tat-trade unions, organizzazzjonijiet ta' impjegaturi u rappreżentanti tan-negozju, kif ukoll awtoritajiet nazzjonali u istituzzjonijiet nazzjonali; jinnota bi tħassib li l-Awtorità ma għandhiex reġistru ċentralizzat ta' laqgħat rilevanti ma' partijiet ikkonċernati esterni u ma tippredix l-istabbiliment ta' tali reġistru sal-2023; jistieden lill-Awtorità tistabbilixxi tali reġistru mill-aktar fis possibbli u tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza;

22. Jinnota b'apprezzament li, fil-25 ta' Meju 2021, l-Awtorità adottat b'analoġija l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;
23. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli sistematiċi dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitt ta' interess, il-lobbjar illegali u r-revolving doors; jistieden lill-Awtorità ssaħħa il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu intern kontra l-korruzzjoni;

Kontroll intern

24. Jinnota bi tħassib li għalkemm, skont ir-rapport tal-Qorti, il-bord tat-tmexxija tal-Awtorità approva l-karta tal-missjoni tas-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni (fl-2021) u l-qafas ta' kontroll intern (QKI) tal-Awtorità (fl-2020), l-Awtorità kienet għadha ma adottatx strateġija xierqa għall-ġestjoni u l-kontroll tar-riskju u lanqas ma kienet adottat il-karta tal-uffiċjal awtorizzanti jew il-karta tal-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega, jew il-karta tal-kontabilist, u li dawk il-lakuni jfixklu l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern tal-Awtorità; jinnota mir-risposta tal-Awtorità li ffinalizzat il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju, li għandha diversi politiki u proċeduri fis-seħħ biex timplimenta l-QKI, li qed taħdem kontinwament biex issaħħa aktar l-QKI tagħha u li qed tippjana l-adozzjoni tal-karti rilevanti; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżvilupp tas-sistema ta' kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju tagħha;
25. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità rreġistrat assi b'valur totali ta' EUR 73 118 f'ABAC Assets u fir-reġistru tal-inventarju, li fil-biċċa l-kbira tagħhom dawk l-assi kienu jikkonsistu f'għamara tal-uffiċċju, u li l-Awtorità assenjat identifikazzjoni tal-inventarju u post futur għal kull oġġett; jinnota li, madankollu, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-assi ma kinux ittikkettati fiż-żmien tal-awditu, u kienu għadhom ma tpoġġewx fil-postijiet assenjati lilhom; jinnota li, barra minn hekk, in-nuqqas ta' inventarji kompluti u aġġornati li jispeċifikaw il-post fejn ikunu jinsabu l-assi tanġibbli tal-Awtorità jmur kontra l-Artikolu 87 tar-Regolament Finanzjarju, u jaffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-Awtorità li tiżgura s-salvagwardja tal-assi tagħha; jinnota r-risposta tal-Awtorità li, minħabba l-miżuri restrittivi tal-pandemija tal-COVID-19, wara li twasslu, l-assi tanġibbli reċentement tqiegħdu fiż-żoni deżinjati skont il-pjan tal-post u l-għadd ta' persunal u li l-proċess ta' tikkettar u t-tlestija fiżika tal-inventarji kienu ġew finalizzati;
26. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-11 ta' Diċembru 2020, l-Awtorità ffirmat kuntratt speċifiku għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EURES li jkopri l-ewwel trimestru tal-2021 u li jammonta għal EUR 299 437, u li kuntratt qafas ġdid, b'valur ta' EUR 12-il miljun u durata massima ta' 48 xahar, biex jipprovi attivitajiet ta' taħriġ tal-EURES ġie ffirmat fid-9 ta' Novembru 2021, u li ma sar l-ebda pagament assoċjat ma' dan il-kuntratt qafas fl-2021; jinnota, barra minn hekk, li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità ma stabbilietx kontrolli *ex ante* jew *ex post* relatati mal-aspetti operattivi u finanzjarji tal-attivitajiet ta' taħriġ ibbażati fuq evidenza diretta mill-attivitajiet ta' taħriġ implimentati u minflok qagħdet fuq rapporti maħruġa minn trainees, u li dan in-nuqqas ta' proċeduri formalizzati bbażati fuq evidenza diretta jista' jippreżenta riskji għall-implimentazzjoni tad-direttivi dwar il-ġestjoni, u għall-kisba tal-oġġettivi tal-Awtorità;
27. Jinnota li l-Awtorità rrikonoxxiet il-ħtieġa li twaqqaf l-istruttura xierqa internament u li tintroduċi proċeduri formalizzati bbażati fuq evidenza diretta b'risposta għall-osservazzjoni tal-Qorti; jinnota li l-Awtorità qiegħda tuża kontrolli diretti għall-attivitajiet ta' taħriġ, u li mill-2023, se tistabbilixxi mekkaniżmu għal kontrolli diretti, li permezz tiegħu l-persunal tal-Awtorità se jipparteċipa f'10 % tat-taħriġ ipprovdut mill-EURES, li jkopri eżempji tat-tipi u formati kollha ta' taħriġ, josserva l-implimentazzjoni tat-taħriġ, u li t-taħriġ ivvalutat se jkun segwit ukoll minn sħarriġ ta' sodisfazzjon fost il-parteċipanti;
28. Jinnota li l-Awtorità adottat u implimentat l-istrateġija kontra l-frodi 2021-2023 tagħha, u li l-implimentazzjoni tal-istrateġija hija mmonitorjata permezz ta' pjan ta' azzjoni dedikat;

Diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika

29. Jinnota li l-Awtorità bniet soluzzjonijiet tal-ICT abbażi tal-offerta ta' Microsoft 365 u tas-sistemi tal-Kummissjoni li huma kondiviżi bejn istituzzjonijiet differenti u li huma aċċessibbli permezz ta' soluzzjoni VPN sigura, kif ukoll li saru rieżamijiet minn konsulenti indipendenti u minn CERT-EU; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità kkonfigurata soluzzjoni ta' monitoraġġ tas-sigurtà tal-ICT li qed tippermetti monitoraġġ minn CERT-EU abbażi ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz;
30. Jinnota li l-politika ta' ċibersigurtà tal-Awtorità se tiġi żviluppata fl-2023 b'kontribut mill-istrateġija tal-ICT u l-approċċ tal-Aġenzija għar-regolament il-ġdid dwar iċ-ċibersigurtà; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;
31. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità f'termini ta' operat u ġestjoni interni iżda anke sabiex tithaffet id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Aġenzija tkompli tkun proattiva f'dan ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;
32. Iħeġġeġ lill-Awtorità taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà); jissuġġerixxi li regolarment jiġu offruti programmi ta' taħriġ aġġornati relatati maċ-ċibersigurtà għall-persunal kollu fi ħdan l-Awtorità; jistieden lill-Aġenzija tiżviluppa l-politika taċ-ċibersigurtà tagħha iktar malajr, tressaqha qabel il-31 ta' Diċembru 2023 u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza;
33. Jinnota b'apprezzament li l-Kwartieri Ġenerali tal-Awtorità fis-Slovakkja (il-binja Landererova 12 jew L12) irċevew iċ-ċertifikat tad-Deheb fit-Tmexxija fl-Enerġija u d-Disinn Ambientali;

Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

34. Jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li l-Awtorità għadha ma adottatx pjan għall-kontinwità tal-operat u li n-nuqqas ta' pjan stabbilit u komprensiv għall-kontinwità tal-operat jikkostitwixxi dgħufija interna kbira; jinnota mir-risposta tal-Awtorità li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, soluzzjoni ta' kontinwità tal-operat tat-telexogħol kienet fis-seħħ kuljum, u li l-Awtorità tirrikonoxxi l-importanza ta' dokument komprensiv li jiddeskrivi l-pjan għall-kontinwità tal-operat, li huwa pplanat li jitlesta fl-2023; jistieden lill-Awtorità tirrapporta kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward lill-awtorità ta' kwittanza;
35. Jinnota b'apprezzament ir-rapport dwar l-"impatt tat-telexogħol matul il-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sigurtà soċjali applikabbli" u valutazzjoni interna tal-"impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-oqsma tal-operat tal-Awtorità";

Kummenti oħra

36. Jinnota li matul l-2021, l-Awtorità kompliet tiżviluppa l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħha, b'għadd dejjem akbar ta' segwaċi fuq il-midja soċjali, il-ħolqien ta' siti ġodda fuq iktar pjattaformi tal-midja soċjali u żieda fil-kontenut interattiv u iktar interessanti, bħal vidjos, u kompliet tiżviluppa s-sit web, l-identità viżwali, il-logo u artefatti oħrajn tagħha li se jżidu l-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-Awtorità; jistieden lill-Awtorità żżid l-isforzi tagħha u tirrapporta informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-pubbliku ġenerali b'lingwaġġ ċar u aċċessibbli; iħeġġeġ lill-Awtorità tiżgura aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont pubbliku permezz ta' użu aħjar tal-mezzi tal-midja u tal-midja soċjali;
37. Jilqa' l-involvement tal-Awtorità fil-livell ta' governanza mal-Eurofound, l-EU-OHSA, u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-iskambju ta' abbozzi ta' programmi ta' ħidma mal-Eurofound, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-EIGE biex tiżgura sinġerija fil-programmi ta' ħidma rispettivi;

38. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.
-

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2023)0190.